MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 976/2007

**John Debono**

***Versus***

**Carmela *sive* Charmaine Cini**

Il-qorti,

Rat ir-rikors maħluf ta’ l-attur fejn ippremetta:

1. Illi permezz ta’ skrittura, l-intimata ikkostitwiet ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi versu l-istess John Debono li llum huwa legalment separat u għalhekk intitolat pjenament illi jitlob il-ħlas intier tas-somma dovuta fl-ammont ta’ tnax-il elf lira (Lm 12,000.00) jew ekwivalenti f’munita euro *più* l-interessi legali dekorribbli bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-data ta’ l-istess skrittura u *cioè* mit-30 ta’ Mejju 2002 sad-data tal-ħlas effettiv, kif miftiehem bejn il-partijiet.

2. Illi permezz ta’ skrittura oħra, l-intimata rċeviet is-self fl-ammont ta’ tlett elef lira (Lm 3,000.00) jew ekwivalenti f’munita euro li kellha tiġi restwita bl-imgħax legali sal-31

ta’ Diċembru 2006 *ai termini* ta’ l-istess skrittura liema somma għadha mhux imħallsa minkejja diversi wegħdiet ta’ pagament. Illi għalhekk huwa dovut imgħax legali mis-6 ta’ Jannar 2006 sad-data tal-ħlas effettiv.

3. Illi r-rikorrenti interpella lill-intimata għall-ħlas tal-imsemmija ammonti permezz ta’ ittra ufficjali datata 5 ta’ Frar 2007 debitament lilha notifikata fit-8 ta’ Frar 2007 u li l-intimata rrispondiet permezz ta’ risposta datata 13 ta’ Frar 2007.

4. Illi l-intimata, minkejja li ġiet interpellata diversi drabi sabiex tirrifondi lura l-imsemmija ammonti, baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawza.

5. Illi dawn il-fatti jaf bihom personalment u huma sostanzjati bid-dokumenti.

L-istess rikorrent talab illi l-qorti:

1. Tiddikjara illi l-intimata debitriċi fl-ammont ta’ tnax-il elf lira Maltin (Lm 12,000.00) jew ekwivalenti f’munita euro *più* l-interessi legali dekoribbli bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) mit-30 ta’ Mejju 2002 sad-data tal-ħlas effettiv; u tiddikjara illi l-intimata hija debitriċi fl-ammont ta’ tlett elef lira Maltin (Lm 3,000.00) jew ekwivalenti f’munita euro *più* l-interessi legali dekoribbli mis-6 ta’ Jannar 2006 sad-data tal-ħlas effettiv;

2. Tikkundanna l-istess intimata tħallas lill-attur is-somma ta’ tnax-il elf lira Maltin (Lm 12,000.00) jew ekwivalenti fil-munita euro *più* interessi sad-data tal-ħlas effettiv, u tikkundanna l-istess intimata tħallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm 3,000.00) jew ekwivalenti f’munita euro *più* l-interessi sad-data tal-ħlas effettiv.

Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ l-ittri legali tal-5 ta’ Frar, 2007 u tal-mandati kawtelatorji preżentati u milqugħa li jġib n-numru 1195/07 kontra l-konvenuta.

Rat id-dokumenti relattivi ppreżentati mar-rikors maħluf *a fol*. 4 sa 7 tal-proċess, u x-xhieda ta’ John Debono li xehed minn jeddu fis-seduta tal-25 ta’ Ġunju, 2008.

Rat il-verbal tagħha tal-25 ta’ Ġunju, 2008 fejn skond l-artikolu 158(10) tal-Kap 12, tat lill-konvenuta żmien ta’ għoxrin jum biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub skond dak is-sub-artikolu.

Rat illi l-intimata naqset illi tippreżenta risposta maħlufa.

Għal din ir-raġuni, u billi d-dejn jirriżulta mill-provi, il-qorti taqta’ l-kawża billi tilqa’t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors maħluf, u tikkundana lill-intimata tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża u dawk mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------